**QORTI KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D**

**Att. ta' Akkuza Nru. 4/1999**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Aimen Said Giali El Baden**

Illum 14 ta' Mejju 2002

Il-Qorti,

Rat il-verdett tal-gurati li bih unanimament sabu lil Aimen Said Giali El Baden hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza; unanimament sabu lil Aimen Said Giali El Baden mhux hati skond it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza izda hati biss ta' serq kwalifikat bil-hin, u unanimament sabu hati lil Aimen Said Giali El Baden tal-Akkuza taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara lil Aimen Said Giali El Baden talli :

Fl-4 ta' Frar, 1998, fil-Gzira sar hati ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, ikkaguna il-mewt ta' Alfie Rizzo, issibu mhux hati li fl-istess jum u post ikkometta serq kwalifikat bil-hin, post u vjolenza, izda biss hati ta' serq ta' oggetti u flus li jiswew inqas minn mitt lira izda aktar minn ghaxar liri, liema serq hu kwalifikat bil-hin u ssibu wkoll hati li kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet fl-udjenza tal-lum it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dottor. Joseph Mifsud ghall-hati u s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni maghmula mill-Assistent Avukat Generali tar-Repubblika Dottor Anthony Barbara, li talab il-piena massima.

Semghet lill-membru tal-familja tal-vittma Ronald Scerri.

Hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment li fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati il-hati ma kienx ghadu ghalaq l-eta' ta' tmintax il-sena, ghax kellu biss sbatax il-sena u tlett xhur maghluqa.

Rat li l-verdett ta' htija tal-gurati kien unanimu.
Rat il-fedina penali netta tal-hati.

Qieset ic-cirkostanzi kollha u l-gravita' tal-kaz.

Rat li skond l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, il-piena applikabbli ghal reat kommess minn persuna li tkun ghalqet l-erbatax il-sena izda ma jkollux tmintax il-sena, ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Rat l-artikoli 211 (1) (2) u 533, u l-artikoli 261 (f), 270 u 281 (a) u l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 13 (1) u 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Art. 17, 31 u 32 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna lill-hati Aimen Said Giali El Baden ghall-piena komplessiva ta' hamsa u ghoxrin sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta' arrestat in konnessjoni ma' dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' elf mija u tminja u disghin lira Maltin u sbatax il-centezimu (LM1198.17c) rapprezentati nofs (1/2) l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kompilazzjoni li hu ghadda flimkien ma' ko-akkuzat iehor, u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali, u dana fi zmien xahrejn mill-lum.

(ft) J.G. Galea Debono

P. Miruzzi
Dep. Reg.

14/05/2002